**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Diao Moussa**

**Kumpilazzjoni numru 473/2016**

**Illum 3 ta' Ottubru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Diao Moussa** billi huwa akkuzat talli nhar is-6 ta' Gunju 2016 ghall-habta tad-09:00 ta' filghaxija gewwa 39, Triq il-Farfett, Marsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal Tesfalem Fiseha Teklemichael, u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skont ma ccertifikaw Dr. David Agius MD u Dr Bernard Galea MD tal-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li torhog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Tesfalem Fiseha Teklemichael, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera mill-ewwel.
Il-kwerelant hafer lill-imputat u ma riedx jixhed fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**